**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 239/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Oliver Giordano**
**(ID 101576(M))**

**Illum: 30 ta' Mejju 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Oliver Giordano** ta' 39 sena, iben Lawrence u Josephine nee` Camilleri, imwieled Attard, nhar l-24 ta' Jannar 1976, residenti ġewwa Thirty One Place, Block A, Penthouse 1, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 101576(M);

Akkużat talli fit-8 ta` Frar 2015 u f'dawn l-aħħar snin, f'San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra l-piena skont il-liġi, f'każ ta' ħtija tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[1]

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-8 ta' Frar 2015 u dan fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** tal-5 ta' Ottubru 2018 u **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, għal-liema talba l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha;[2]

---

[1] A fol. 6 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 90 tal-proċess.

Rat ukoll illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tipprovdi dwar it-talba tagħha fuq imsemmija, għal liema talba l-Prosekuzzjoni ma opponietx;

Rat in oltre d-digriet tagħha tad-9 ta' Lulju 2019, li permezz tiegħu din il-Qorti ddeċidiet illi fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari **Philippe Beuze vs Belgium** tad-9 ta' Novembru 2018, kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismjiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali** tal-31 ta' Mejju 2019, ma kellhiex tippronunzja ruħha dwar il-valur probatorju tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat f'dak l-istadju, iżda kellha tagħmel dan wara li tisma' l-provi kollha, inkluż dawk li talvolta setgħet tressaq id-difiża u għalhekk meta tgħaddi għas-sentenza finali;[3]

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali u *del resto* lanqas ma huwa kkontestat illi nhar it-8 ta' Frar 2015, għall-ħabta ta' 12.20 a.m., pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ossia **PC 1311 Gregory Pizzuto** u **PS 839 Stephen Micallef** għamlu tfittxija lill-imputat odjern, li kien qiegħed b'*taxi* bin-numru 188 ipparkjata ġewwa Triq San Ġorġ, kantuniera ma' Triq Santu Wistin, Paceville u fl-istess vettura, fil-bieba tax-xufier, instab bott taċ-*chewing gum* li kien fih żewġ boroż tal-plastik *self-sealable*, b'borża minnhom kontenenti erba' boroż u oħra kontenenti ħames boroż, ilkoll bi trab abjad. L-imputat għalhekk ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija dakinhar stess tat-8 ta' Frar 2015[4], wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Fil-mori tal-proċeduri odjerni, **l-Ispettur Gabriel Micallef** esebixxa s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat bħala Dok. GM 2.[5]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza Dok. GM 2[6], jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analizi tiegħu, li ġo fih kien hemm *envelope* immarkat S/B/17/2016 li kien fih borża tal-plastik trasparenti li kienet tikkontjeni s-segwenti:

---

[3] Ara a fol. 93 u 94 tal-proċess.
[4] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 11 u 12 tal-proċess. Id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għal parir legali da parti tal-imputat tinsab a fol. 13 tal-proċess.
[5] Ara x-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef, a fol. 8 sa 10 tal-proċess, u a fol. 14 u 15 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 1311 Gregory Pizzuto, a fol. 17 sa 19 tal-proċess; ix-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef, a fol. 20 sa 22 tal-proċess u a fol. 58 sa 64 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 7 tal-proċess.

1. Bott ta' lewn abjad bil-kliem *Orbit* li fuqu kien hemm karta bil-kliem: Data: 08/02/2015 Ħin: 00:20 hrs Elevat/i minn ġol-bieba tax-xufier bott tal-Orbit b'żewġ boroż *self-sealed*, borża b'4 pakketti trab abjad, borża b' 5 pakketti trab abjad fil-preżenza ta' Oliver Giordano I.D. 101576M minn PC 1311, PS 839. Fil-bott kien hemm:

   i. Borża tal-plastik li fiha erba' pakketti li kull wieħed minnhom fih trab ta' lewn abjad; u

   ii. Borża oħra tal-plastik li fiha ħames pakketti li kull wieħed minnhom fih trab ta' lewn abjad.

L-espert ikkonkluda hekk dwar dan id-dokument:

(a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad fl-istess dokument instabet is-sustanza Kokaina. Il-piż tat-trab kien ta' 2.65 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 15%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[7]

**Dr. Mark Xuereb**, psikjatra, xehed illi l-imputat kien ilu fil-kura tiegħu għal madwar sena u nofs[8] u illi b'riżultat tal-problemi li rriskontra f'ħajtu, huwa kien jagħmel użu mid-droga kokaina kemm fiż-żmien tal-każ odjern, kif ukoll fis-snin ta' qabel.[9]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti qed tqis bħala inammissibbli l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-8 ta' Frar 2015, wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx, iżda mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju u dan stante li fiż-żmien mertu tal-każ dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija. Fil-fatt dan il-jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll

---

[7] Ara x-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut a fol. 25 u 26 u r-relezzajoni esebita bħala Dok. GS a fol. 27 sa 35 tal-proċess.
[8] Ix-xhud xehed fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2017.
[9] Ara x-xhieda tal-psikjatra Dr. Mark Xuereb, a fol. 37 sa 50 tal-proċess, u r-rapport tiegħu a fol. 51 *et seq* tal-proċess.

**Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u riċentement **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). M'hemmx dubju illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u għalkemm f'dan il-każ, l-istqarrija tiegħu m'hijiex l-unika prova li nġabet in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, kemm il-darba dikjarata ammissibbli, din ċertament issarraf fi prova tassew determinanti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, liema imputazzjoni tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat, li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, iwassal għall-piena ta' priġunerija tassattiva. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq indikata, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Kif ingħad, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina (it-tieni imputazzjoni), bir-reat ta' pussess 'sempliċi' tal-istess droga (l-ewwel imputazzjoni) u bl-aggravju tad-distanza (it-tielet imputazzjoni), u dan b'referenza għat-8 ta' Frar 2015 u dawk l-aħħar snin.

Mill-atti proċesswali jirriżulta ppruvat illi dakinhar tat-8 ta' Frar 2015, l-imputat instab fil-pussess ta' disa' pakketti bi trab abjad, li mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta li kien jikkontjeni d-droga kokaina, f'piż totali ta' 2.65 grammi. Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi t-trab f'kull pakkett kellu piż simili jew identiku ossia s-segwenti: 0.26 grammi, erba' pakketti kontenenti trab f'piż ta' 0.30 grammi, żewġ pakketti kontenenti trab f'piż ta' 0.31 grammi, 0.25 grammi u 0.32 grammi.

In kwantu r-reat ta' pussess aggravat ta' droga ossia pussess f'tali ċirkostanzi li juru li d-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-pussessur, kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia

> cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."

U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**:

> "meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**:

> "kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

> " … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."

Fil-każ odjern, l-imputat instab fil-pussess ta' disa' pakketti kontenenti d-droga kokaina, u dan fil-waqt illi kien qiegħed bit-*taxi* ġewwa Paceville. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma ċirkostanzi li jwasslu għal suspett raġonevoli illi d-droga in kwistjoni ma kinitx intiża biss għall-użu personali tiegħu, iżda illi din kienet intiża għall-ispaċċ, u dan b'mod partikolari meta wieħed iqis il-mod tassew simili jekk mhux kważi identiku li bih kienu maqsumin il-pakketti bid-droga.

Madankollu, mill-banda l-oħra suspett waħdu jibqa' biss suspett jekk ma jkunx akkumpanjat ukoll b'ċirkostanzi jew provi oħra, li jistgħu jwasslu lil din il-Qorti, sabiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi tali droga kienet fil-fatt intiża għall-ispaċċ. F'dan ir-rigward, il-Qorti qed tqis ukoll illi l-piż tad-droga fil-pussess tal-imputat kien ta' 2.65 grammi; ammont li fil-fehma tal-Qorti ma jistax jingħad illi m'huwiex normalment assoċjat ma' użu personali. Fil-pussess tal-imputat ma nstab xejn iżjed, għajr għall-pakketti bid-droga, li jista' jindika pussess ta' droga għal skop ta' spaċċ. La jirriżulta illi ġie elevat iċ-ċellulari tal-imputat, u għalhekk lanqas ma jirriżultaw xi messaġġi li jindikaw spaċċ, li saret tfittxija fir-residenza tiegħu, la nstabu xi boroż vojta, la mwieżen, la notamenti li jistgħu jindikaw spaċċ u lanqas flus li setgħu kien ġejjin minn bejgħ ta' droga. Lanqas ma jirriżulta illi l-imputat ġie osservat jagħmel kuntatt ma' terzi persuni b'tali mod li jindika li l-imputat kien qed jitraffika d-droga. In oltre jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-psikjatra Dr. Mark Xuereb, illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kien jagħmel użu mill-kokaina.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk minkejja l-mod kif kienu maqsuma l-pakketti in kwistjoni, u li l-imputat kien qiegħed bit-*taxi* tiegħu f'Paceville, din il-Qorti ma tqisx illi l-provi jistgħu jwassluha, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, sabiex issib ħtija fl-imputat dwar ir-reat ta' pussess aggravat ta' droga, u għaldaqstant, tqis illi t-tieni imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, la darba l-imputat mhux qed jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni, isegwi li ma jistax jinstab ħati tal-aggravju tad-distanza.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għal fini ta' piena dwar ir-reat ta' pussess tad-droga kokaina fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Frar 2015[10], mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati, fost oħrajn, ta' reati kontravvenzjonali u talli kkawża ġrieħi ta' natura ħafifa, ta' ħsara volontarja, tentattiv ta' serq aggravat, reati kontra r-regolamenti tat-traffiku, offiża gravi fuq il-persuna, u tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, dwar liema huwa ngħata *inter alia* liberazzjoni kundizzjonata f'erba' okkażjonijiet, sentenza ta' priġunerija sospiża u piena pekunjarja. Qed tqis ukoll fir-rigward illi mill-istess fedina penali jirriżulta wkoll illi l-aħħar reat jirrisali għas-sena 2008.

Qed tqis in oltre n-natura tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammont ta' droga in kwistjoni, kif ukoll illi dan il-każ jirrisali għas-

---

[10] Minkejja li l-Qorti ordnat li tiġi esebita fedina penali aġġornata tal-imputat, din baqgħet ma ġietx esebita.

sena 2015 u illi minn dakinhar, skont ir-rapport ta' Dr. Mark Xuereb, l-imputat ma jidhirx li baqa' jagħmel użu mid-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **Oliver Giordano** mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, filwaqt illi qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah għal piena ta' multa ta' seba' mitt ewro (€700).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, ħamsa u sittin ewro u għoxrin ċenteżmu (€165.20), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga Dok. GM 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat